MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 146/2003

**Pierre George u Anna konjugi Grech**

**vs**

**Perit Philip u Louisa konjugi Grech, Emmanuel u Maria Dolores sive Doris konjugi Pisani u Christian u Maria konjugi Pisani**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi huma kienu inkarigaw lill-konvenuti li jaccettaw sia bhala perit u inginier civili biex ikunu responsabbli professjonalment ghal bini ta’ detached villa fi struttura ta’ tlett sulari li kellha tinbena f’Plot A u B’ Kara Road, Attard li llum ggib l-isem El Shaddai.

Illi l-atturi qabbdu biex jaghmlu dan ix-xoghol il-konvenuti fuq parir tal-perit konvenut u dan bhala kuntratturi u dan dejjem taht is-sorveljanza tal-perit arkitett konvenut u skond il-pjanti u disinji mhejja minnu.

Illi l-konvenuti kellhom jibnu ghall-atturi l-binja skond permessi kollha mehtiega u mahruga mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll bid-dimensjonijiet kollha kif sottomessi mill-istess perit arkitett.

Illi l-atturi gibdu l-attenzjoni diversi drabi lill-perit arkitett ghaliex il-binja taghhom fil-livell tal-basement inbniet bit-travi u mhux bil-planki kif solitament isir u dan bi spejjez aktar ghall-atturi kif ukoll ghal xi xogholijiet zejda li kienu qed isiru fiha.

Illi l-perit konvenut insista illi x-xoghol minnu interkors huwa dak li solitament isir f'binji tat-tip li kienu qed jibnu l-atturi.

Illi jirrizulta l-konvenut perit arkitett ghamel 'overdesign' ghal-kostruzzjoni li kellha tinbena fil-plot fuq imsemmija u ghalhekk l-atturi hallsu zejjed is-somma ta' Lm5909.37 oltre l-imghax legali mill-15 ta' Lulju 2001 u dan skond stima tal-Perit Philip Azzopardi datata 18 ta' Dicembru 2002 mmarkata bhala Dokument A

Illi l-atturi interpellaw lil perit konvenut jersaq ghar-rifuzjoni tas-somma fuq imsemmija kif ukoll ta' danni ohra minnhom sofferti.

Illi wara xi xhur li tlesta x-xoghol ta' kostruzzjoni tal-ewwel sular l-atturi ndunaw ukoll illi wiehd mit-travi fl-ewwel sular kien qasir u ma jiflahx il-piz ta' dak li kien qed igorr fuqu, tant illi zviluppaw konsenturi li jehtieg li ttiehed attenzjoni rimedjali immedjata stante illi f'kaz ta' bini jew piz iehor fuq l-istess travu jizviluppa fi hsarat ingenti.

Illi l-atturi soffrew danni ukoll konsistenti fl-esekuzzjoni ta' xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti mill-konvenuti u cioe' fost l-affarijiet ohra talli poggew travu

iqsar milli dak li kien mehtieg fic-cirkostanzi tant li zviluppaw konsenturi.

Illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni ta' danni minnhom kagunati, pero' baqghu inadempjenti, konsistenti f'xogholijiet rimedjali u hlasijiet zejda professjonali.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenuti Perit Philip u Louisa Grech responsabbli ghal-hsarat sofferti minnhom konsistenti f'overdesign kif ukoll fi hlasijiet zejda li huma ghamlu lill-kuntratturi ghal bini tal-fond El Shaddai B' Kara Road, Attard, li jigu likwidati il-hsarat sofferti mill-atturi b'tort tal-konvenuti Perit Philip u Louisa Grech fis-somma ta' Lm5909.37 oltre l-imghax legali mill-15 ta' Lulju 2001 u dan skond stima mahruga mill-Perit Philip Azzopardi datata 18 ta' Dicembru 2002 hawn annessa u mmarkata bhala dokument A inkluz spejjez professjonali zejda, li l-istess konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5909.37 oltre l-imghax legali mil-15 ta' Lulju 2001 ghal 'overdesign' kif ukoll fi hlasijiet zejda li huma ghamlu sia lill-kuntratturi ghal bini tal-fond El Shaddai B' Kara Road, Attard u lill-terzi, li l-konvenuti kollha jigu kkundannati solidalment bejniethom li huma responsabbli ghal hsarat kollha sofferti mill-atturi ghax-xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti fost affarijiet ohra ghat-tqeghid ta' travu iqsar minn dak li suppost tant li qed jikkawza konsenturi kif ukoll hsarat ohra lill-atturi, li jigu likwidati l-hsarat sofferti mill-atturi tort tal-konvenuti solidalment bejniethom ghat-tqeghid tat-travu iqsar minn dak li suppost fil-binja fuq imsemmija u ta' hsarat ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li l-konvenuti jigu solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi l-hsarat hekk likwidati minhabba xoghol hazin fit-tqeghdi ta' travu iqsar minn dak li suppost fil-binja fuq imsemmija kif ukoll ghal hsarat ohra.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar 2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Perit Philip Grech u martu Louisa Grech fejn gie eccepit:-

Illi d-disinji u x-xoghol maghmul taht id-direzzjoni tal-eccipjent Perit Philip Grech kienu skond il-pforessjoni u skond is-sengha u l-art u ghlahekk it-talbiet kif diretti kontra l-eccipjenti konjugi Grech ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi;

Minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li sar xi “overdesign” ghall-kostruzzjoni u lanqas mhuwa minnu li fl-esekuzzjoni sar xohgol hazin u mhux skond is-sengha u l-art, billi fost affarijiet ohra tpogga travu iqsar milli kien mehtieg, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti ma huma responasbbli ghall-ebda danni lejn l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti Perit Philip Grech u martu Louisa Grech, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emmanuel u Maria Dolores sive Doris konjugi Pisani u Christian u Maria konjugi Pisani fejn gie eccepit:-

Illi huma ezegwew ix-xoghol riferit fl-att tac-citazzjoni skond is-sengha u l-arti u kif diretti biex jaghmlu mill-perit arkitett li kien inkarigat ukoll mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat illi f’din il-kawza gie nominat bhala Perit Tekniku l-AIC Godwin Abela bil-fakoltajiet soliti. L-imsemmi Perit Tekniku ippresenta r-rapport tieghu debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Mejju 2006 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li wara certu hlasijiet li saru kien jifdal biss li jigi deciz jekk tesistix responsabilita’ da parti tal-kovenuti Perit Grech u martu fir-rigward tal-

kwestjoni tat-travu li skond l-atturi hu iqsar minn kif suppost u qed jikkawza danni.

Rat is-sentenza in parte ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Gunju 2011 li biha giet milqugha r-raba talba tal-atturi fil-konfront biss tal-konvenuti Perit Philip Grech u martu Louisa u konsegwentement gie dikjarat li jirrizulta li t-travu in kwestjoni hu qasir u kwindi jirrizulta li li x-xoghol relattiv ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghal dan huma resposabbli l-konvenuti Perit Grech u martu. Fl-istess sentenza jinghad li l-likwidazzjoni tad-danni relattivi kienet ser tithalla in pregudikatbejn il-partijiet. Fl-istess sentenza l-konvenuti l-ohra kollha gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tar-raba talba u fl-ahhar nett il-Qorti astjeniet milli  tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba stante transazzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat l-affidavit tal-konvenut Perit Philip Grech.

Semghat lill-attur in kontro-ezami.

Rat li bid-dikriet tas-27 ta’ Frar 2012 gie nominat bhala Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba sabiex jivverifika l-kontijiet sottomesssi mill-attur dwar ix-xogholijiet rimedjali u sabiex jaghmel il-verifiki kollha necessarji oltre l-fakoltajiet kollha soliti.

Rat ir-rapport tal-imsemmi Perit Tekniku.

Semghat lill-istess Perit Tekniku imsejjah mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi minhabba l-imsemmija kwestjoni tat-travu.

Ikkonsidrat:-

Bil presenti sentenza qed jigu likwidati d-danni sofferti mill-atturi minhabba li travu minnhom fil-binja in kwestjoni hu iqsa minn dak li suppost.

Il-Perit Tekniku Alan Saliba, fir-rapport tieghu, kkonkluda li filwaqt li l-atturi qed jippretendu li d-danni minnhom sofferti in konsegwenza tal-fatt li t-travu ma kienx twil kemm suppost jammontaw ghal euro elfejn mija u tnax u tlieta u ghoxrin centezmu (€2112.23) mentri skond hu l-ammont ta' danni jammontaw ghas-somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03).

Il-Qorti esaminat l-imsemmi rapport tal-AIC Alan Saliba u tikkonkludi li taqbel mal-kostatazzjonijiet u mal-konkluzjoniet tal-istess Perit Tekniku u kwindi d-danni in kwestjoni ghandhom jigu likwidati fl-imsemmija somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03). Ghalhekk il-Qorti qed tadotta l-istess kostatazzjoniet u konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku u taghmillhom taghha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi dwar ir-rimanenti talbiet li ghadhom mhux decizi billi tilqa l-istess talbiet u tiddikjara li l-konvenuti Perit Philip Grech u martu Louisa huma responsabbli ghal-hsarat sofferti mill-atturi fir-rigward ta' xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti rigwardanti t-tqeghid ta' travu li kien iqsar minn kif suppost u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti Perit Philip Gech u martu jhallsu l-imsemmija somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03) bhala danni likwidati kif fuq jinghad u dan bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-14 ta' Jannar 2003, cioe' d-data tal-ittra ufficjali li ntbghatet lill-imsemmija konvenuti mill-atturi, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha rigwardanti l-proceduri li wasslu ghal din is-sentenza jithallsu mill-istess konvenuti Perit Philip Grech u martu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------